MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1119/2005

**Av. Philip Manduca bhala mandatarju specjali tas-socjeta' PUMA AG Rudolf Dassler Sport ID 339960 (M)**
**Vs**
**Av. Leslie Cuschieri u P.L. Victor Bugeja nominati b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2005 bhala Kuraturi Deputati sabiex jirraprezentaw lil EURL Ortex Import**

**Il-Qorti**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur nomine ippremetta illi:

Billi s-socjeta' attrici hi propjetarja tal-marka 'PUMA' registrat f'Malta bin-numru 13091 u tal-marka 'Cat' registrat f'Malta bin-numru 13092.

Billi dan l-ahhar il-konvenut ikkontravjena t-*trademark* in kwistjoni billi uza sinjal identiku mat-*trademark* ghar-rigward ta' oggett li huwa identici ma' dawk li dwarhom it-*trademark* tas-socjeta' attrici giet registrata u billi gab f'Malta kwantita' ta' zraben bil-marki ta' 'Puma'.

Billi ghalhekk il-konvenut ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

Billi ghalhekk hemm lok li jsir il-qerda ta' l-oggetti fil-pussess u/jew spaccjati u/jew prodotti u/jew importati f'Malta mill-konvenut bil-marka propjeta' tas-socjeta' attrici u dan kif provdut fl-artikolu 15 ta' l-Att dwar it-Trademarks u dan kif provdut ukoll fl-Att Tmienja tas-sena 2000, Kapitolu 414 tal-Ligijiet ta' Malta (EC Regulation 1383/2003;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara li l-konvenut ikkontravjena t-trademark jew trademarks propjeta' tas-socjeta' attrici u b'hekk ikkaguna danni lis-socjeta' attrici.

2. tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta' attrici minhabba l-agir tal-konvenut.

3. tikkundanna lil konvenut ihallas lis-socjeta' attrici dawk id-danni fuq imsemmija.

4. tordna l-qerda ta' l-oggetti (zraben u accessories) spaccjati u/jew prodotti u/jew migjuba f'Malta fil-containers **ECMU 9066860 u ECMU 9423551 u UESU 4774425 u TGHU 8618836, TRLU 8082445 u INKU 2645274** mill-konvenut bit-trademark/s tas-socjeta' attrici.

Bl-ispejjez prezentati kontestwalment kontra l-konvenut li hu ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur nomine a fol.3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti kuraturi** a fol. 22 tal-process fejn eccepew:

1. Illi b'digriet tas-6 ta' Dicembru 2005, huma gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lil EURL Ortex Import.

2. Illi huma m'ghandhomx mezz kif jikkomunikaw ma' rapprezentanti tal-kumpanija minnhom rapprezentata u ghalhekk mhumiex edotti mill-fatti tal-kaz odjern.

3. Illi ghalhekk huma jirrizervaw li jeccepixxu ulterjorment.

Semghet lil Dr. Philip Manduca;

It-talba attrici m'hi b' ebda mod kontradetta.

Il-fatti msemmija fic-citazzjoni u dikjarazzjoni jirrizultaw pruvati.

Tilqa' l-ewwel talba; tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talba stante li ma ngabu ebda provi dwarha; tilqa' r-raba' talba u tordna lill-kontrollur tad-Dwana u/jew lis-socjeta' attrici a bazi tar-raba' talba sabiex jiddistruggu l-oggetti in kwistjoni minghajr ebda kumpens lill, u ghas-spejjez tas-socjeta' konvenuta, skond l-Artiklu 15 ta' l-Att dwar it-Trademarks;

Tordna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas l-ispejjez kollha fir-rigward tat-trasport, tal-hazna u tad-distruzzjoni tal-oggetti msemmija, l-ispejjez tal-ufficjali tad-Dwana;

Bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta, b' dan li provizorjament id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------